II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/89

## tat-18 ta' Novembru 2015

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 jistabbilixxi qafas għall-identifikazzjoni, għall-ippjanar u għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni ("PCIs") li huma meħtieġa biex jiġu implimentati d-disa' kurituri ta' prijorità tal-infrastruttura tal-enerġija ġeografika strateġika identifikati fl-oqsma tal-elettriku, tal-gass u taż-żejt, u t-tliet oqsma ta' prijorità tal-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni kollha għall-grilji intelliġenti, għall-awtostradi tal-elettriku u għan-netwerks tat-trasportazzjoni tad-diossidu tal-karbonju.

(2) Skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) Nru 347/2013, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tiġi stabbilita l-lista tal-Unjoni tal-PCIs ("lista tal-Unjoni").

(3) Il-proġetti proposti għall-inklużjoni fil-lista tal-Unjoni ġew ivvalutati mill-gruppi reġjonali u jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 347/2013.

(4) L-abbozzi tal-listi reġjonali tal-PCIs ġew miftiehma mill-gruppi reġjonali f'laqgħat fil-livell tekniku. Wara l-opinjonijiet pożittivi tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("ACER") fit-30 ta' Ottubru 2015 dwar l-applikazzjoni konsistenti tal-kriterji ta' valutazzjoni u l-analiżi kostijiet-benefiċċji fir-reġjuni kollha, il-korpi responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-gruppi reġjonali adottaw il-listi reġjonali fit-3 ta' Novembru 2015. Skont l-Artikolu 3(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru 347/2013, qabel l-adozzjoni tal-listi reġjonali, il-proġetti kollha proposti ġew approvati mill-Istati Membri li mat-territorju tagħhom għandhom x'jaqsmu l-proġetti.

(5) L-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-produtturi, l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni, il-fornituri, u l-organizzazzjonijiet għall-ħarsien tal-konsumaturi u tal-ambjent, ġew ikkonsultati dwar il-proġetti proposti għall-inklużjoni fil-lista tal-Unjoni.

(6) Il-PCIs għandhom jiġu elenkati skont il-prijoritajiet tal-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea strateġika fl-ordni stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 347/2013. Il-lista tal-Unjoni ma għandha tinkludi l-ebda klassifikazzjoni ta' proġetti.

([1]) ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39.

(7) Il-PCIs iridu jiġu elenkati jew bħala PCIs waħedhom jew inkella bħala parti minn raggruppament ta' diversi PCIs. Madankollu, ċerti PCIs għandhom jiġu raggruppati għaliex huma interdipendenti jew qegħdin (potenzjalment) jikkompetu.

(8) Il-lista tal-Unjoni tinkludi proġetti fi stadji differenti tal-iżvilupp tagħhom, li jinkludu l-prefattibbiltà, il-fattibilità, l-għoti tal-permessi u l-kostruzzjoni. Għall-PCIs fi stadju ta' żvilupp bikri, jistgħu jkunu meħtieġa studji biex juru l-vijabbiltà teknika u ekonomika u l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, inkluża l-leġiżlazzjoni ambjentali. F'dan il-kuntest, għandhom jiġu identifikati, ivvalutati u evitati jew imtaffija b'mod xieraq, l-impatti negattivi potenzjali fuq l-ambjent.

(9) L-inklużjoni ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni hija bla preġudizzju għall-eżitu tal-valutazzjoni ambjentali relevanti u għall-proċedura tal-permessi. Skont l-Artikolu 5(8) tar-Regolament (UE) Nru 347/2013, proġett li ma jikkonformax mal-liġi tal-Unjoni jista' jitneħħa mil-lista tal-Unjoni. L-implimentazzjoni tal-PCIs, u l-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni relevanti, għandhom jiġu mmonitorjati f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

(10) Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) Nru 347/2013, il-lista tal-Unjoni tiġi stabbilita kull sentejn, u għalhekk, il-lista tal-Unjoni stabbilita bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1391/2013 ([1]) ma għadhiex valida u għandha tiġi sostitwita.

(11) Skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) Nru 347/2013, il-lista tal-Unjoni għandha tieħu l-forma ta' anness ta' dak ir-Regolament.

(12) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1391/2013 tal-14 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea fir-rigward tal-elenku tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni (ĠU L 349, 21.12.2013, p. 28).

*ANNESS*

L-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS VII*

**Il-lista tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni (il-'lista tal-Unjoni'), imsemmija fl-Artikolu 3(4)**

A. IL-PRINĊIPJI APPLIKATI FIT-TFASSIL TAL-LISTA TAL-UNJONI

(1) **Raggruppamenti ta' PCIs**

Ċerti PCIs jagħmlu parti minn raggruppament minħabba n-natura interdipendenti tagħhom u minħabba li jikkompetu, jew potenzjalment jikkompetu, ma' xulxin. Dawn it-tipi ta' raggruppament ta' PCIs huma stabbiliti:

— **raggruppament ta' PCIs interdipendenti** huwa ddefinit bħala 'Raggruppament X, inklużi l-PCIs li ġejjin:'. Dan it-tip ta' raggruppament ta' proġetti ġie fformat biex jidentifika l-PCIs li huma kollha meħtieġa biex jiġi indirizzat l-istess ostaklu bejn il-fruntieri tal-pajjiżi u biex jinħolqu sinerġiji jekk il-proġetti jiġu implimentati flimkien. F'dan il-każ, il-PCIs kollha għandhom jiġu implimentati biex jinkisbu l-benefiċċji mal-UE kollha;

— **raggruppament ta' PCIs li potenzjalment jikkompetu** huwa ddefinit bħala 'Raggruppament X, inkluż PCI wieħed jew aktar mill-PCIs li ġejjin:'. Raggruppament bħal dan jirrifletti inċertezza dwar il-kobor tal-ostakli bejn il-fruntieri tal-pajjiżi. F'dan il-każ, mhux il-PCIs kollha inklużi fir-raggruppament iridu jiġu implimentati. Huwa f'idejn is-suq biex jiddetermina jekk PCI wieħed, diversi PCIs jew il-PCIs kollha għandhomx jiġu implimentati, soġġetti għall-approvazzjonijiet regolatorji, għall-permessi u għall-ippjanar. Il-ħtieġa għall-PCIs għandha tiġi vvalutata mill-ġdid fil-proċess sussegwenti tal-identifikazzjoni tal-PCIs, inkluż f'dak li għandu x'jaqsam mal-kapaċità tal-ħtiġijiet; kif ukoll

— **raggruppament ta' PCIs li jikkompetu** huwa ddefinit bħala 'Raggruppament X, inkluż wieħed mill-PCIs li ġejjin:'. Tali raggruppament jindirizza l-istess ostaklu. Madankollu, il-kobor tal-ostaklu huwa aktar ċert milli fil-każ ta' raggruppament ta' PCIs li potenzjalment jikkompetu, u għalhekk għandu jiġi implimentat PCI wieħed biss. Huwa f'idejn is-suq biex jiddetermina liema PCI għandu jiġi implimentat, soġġett għall-approvazzjonijiet regolatorji, għall-permessi u għall-ippjanar meħtieġa. Fejn meħtieġ, il-bżonn ta' PCIs għandu jiġi vvalutat mill-ġdid fi proċess ta' identifikazzjoni ta' PCI sussegwenti.

Il-PCIs kollha huma soġġetti għall-istess drittijiet u obbligi stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 347/2013.

(2) **It-trattament ta' substazzjonijiet u stazzjonijiet tal-kompressuri**

Substazzjonijiet u stazzjonijiet tal-elettriku back-to-back u stazzjonijiet tal-kompressuri tal-gass jitqiesu bħala partijiet tal-PCIs jekk ikunu jinsabu ġeografikament fuq il-linji tat-trażmissjoni. Is-substazzjonijiet, l-istazzjonijiet back-to-back u l-istazzjonijiet tal-kompressuri jitqiesu bħala PCIs awtonomi u huma espliċitament elenkati fil-lista tal-Unjoni jekk il-pożizzjoni ġeografika tagħhom tkun differenti mil-linji tat-trażmissjoni. Dawn huma soġġetti għad-drittijiet u għall-obbligi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 347/2013.

(3) **Id-definizzjoni ta' 'Ma għadux meqjus bħala PCI'**

Il-frażi 'Ma għadux meqjus bħala PCI' tirreferi għal proġetti mil-lista tal-Unjoni stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1391/2013 li ma għadhomx meqjusa bħala PCIs għal waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:

— skont id-dejta l-ġdida l-proġett ma jissodisfax il-kriterji ta' eliġibbiltà;

— promotur ma ppreżentahx mill-ġdid fil-proċess tal-għażla għal din il-lista tal-Unjoni;

— diġà ġie kkummissjonat jew għandu jiġi kkummissjonat fil-futur qrib u għalhekk ma jkunx jibbenefika mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 347/2013; jew

— ġie kklassifikat b'mod aktar baxx minn PCIs kandidati oħra fil-proċess tal-għażla.

Proġetti bħal dawn mhumiex PCIs, iżda huma elenkati bin-numri tal-PCI oriġinali tagħhom fil-lista tal-Unjoni għal raġunijiet ta' trasparenza u ċarezza.

Dawn jistgħu jitqiesu għall-inklużjoni fil-lista tal-Unjoni li jmiss jekk ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' inklużjoni fil-lista tal-Unjoni attwali ma jibqgħux japplikaw.

(4) **Id-definizzjoni ta' 'PCIs b'ittikkettjar doppju bħala awtostradi tal-elettriku'**

Il-'PCIs b'ittikkettjar doppju bħala awtostradi tal-elettriku' tfisser PCIs li jappartjenu għal wieħed mill-kurituri tal-elettriku ta' prijorità u għaż-żona tematika ta' prijorità għall-awtostradi tal-elettriku.

B. IL-LISTA TAL-UNJONI TA' PROĠETTI TA' INTERESS KOMUNI

(1) **Kuritur tal-Prijorità tal-Grilja lil hinn mill-Kosta tal-Pajjiżi tal-Baħar tat-Tramuntana ('NSOG')**

Il-bini tal-ewwel interkonnessjoni bejn il-Belġju u r-Renju Unit:

| Nru | Definizzjoni |
|---|---|
| 1.1. | Ir-raggruppament tal-Belġju u tar-Renju Unit bejn Zeebrugge u Canterbury [attwalment magħruf bħala l-proġett 'NEMO'] inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>1.1.1. L-interkonnessjoni bejn Zeebrugge (BE) u l-akkwati ta' Richborough (UK)<br>1.1.2. Il-linja interna bejn l-akkwati ta' Richborough u Canterbury (UK)<br>1.1.3. Ma għadux meqjus bħala PCI |
| 1.2. | Ma għadux meqjus bħala PCI |

Iż-żieda tal-kapaċità tat-trażmissjoni bejn id-Danimarka, il-Ġermanja u n-Netherlands:

| | |
|---|---|
| 1.3. | Ir-raggruppament tad-Danimarka u tal-Ġermanja bejn Endrup u Brunsbüttel, inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>1.3.1. L-interkonnessjoni bejn Endrup (DK) u Niebüll (DE)<br>1.3.2. Il-linja interna bejn Brunsbűttel u Niebüll (DE) |
| 1.4. | Ir-raggruppament tad-Danimarka u tal-Ġermanja bejn Kassø u Dollern inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>1.4.1. L-interkonnessjoni bejn Kassø (DK) u Audorf (DE)<br>1.4.2. Il-linja interna bejn Audorf u Hamburg/Nord (DE)<br>1.4.3. Il-linja interna bejn Hamburg/Nord u Dollern (DE) |
| 1.5. | L-internkonnessjoni bejn id-Danimarka u n-Netherlands bejn Endrup (DK) u Eemshaven (NL) [attwalment magħrufa bħala 'COBRAcable'] |

Iż-żieda tal-kapaċità tat-trażmissjoni bejn Franza, l-Irlanda u r-Renju Unit:

| | |
|---|---|
| 1.6. | L-interkonnessjoni bejn Franza u l-Irlanda bejn La Martyre (FR) u Great Island jew Knockraha (IE) [attwalment magħrufa bħala 'Interkonnettur Ċeltiku'] |

| | |
|---|---|
| 1.7. | Ir-raggruppament ta' interknonnessjonijiet bejn Franza u r-Renju Unit, inklużi wieħed jew aktar mill-PCIs li ġejjin:<br>1.7.1. L-interkonnessjoni bejn Franza u r-Renju Unit bejn Cotentin (FR) u l-akkwati ta' Exeter (UK) [attwalment magħrufa bħala l-proġett 'FAB']<br>1.7.2. L-interkonnessjoni bejn Franza u r-Renju Unit bejn Tourbe (FR) u Chilling (UK) [attwalment magħrufa bħala l-proġett 'IFA2']<br>1.7.3. L-interkonnessjoni bejn Franza u r-Renju Unit bejn Coquelles (FR) u Folkestone (UK)[attwalment magħrufa bħala l-proġett 'ElecLink'] |
| 1.8. | L-interkonnessjoni bejn il-Ġermanja u n-Norveġja bejn Wilster (DE) u Tonstad (NO) [attwalment magħrufa bħala 'NordLink'] |
| 1.9. | Ir-raggruppament li jgħaqqad l-Irlanda mar-Renju Unit, inklużi wieħed jew aktar mill-PCIs li ġejjin:<br>1.9.1. L-interkonnessjoni bejn l-Irlanda u r-Renju Unit bejn Wexford (IE) u Pembroke, Wales (UK) [attwalment magħrufa bħala 'Greenlink']<br>1.9.2. L-interkonnessjoni bejn l-Irlanda u r-Renju Unit bejn iċ-ċentri ta' Coolkeeragh u Coleraine (IE) u l-istazzjon ta' Hunterston, Islay, Argyll u l-Parks Eoliċi fuq il-Baħar f'Location C (UK) [attwalment magħrufa bħala 'ISLES']<br>1.9.3. Ma għadux meqjus bħala PCI<br>1.9.4. Ma għadux meqjus bħala PCI<br>1.9.5. Ma għadux meqjus bħala PCI<br>1.9.6. Ma għadux meqjus bħala PCI |
| 1.10. | L-interkonnessjoni bejn in-Norveġja u r-Renju Unit |
| 1.11. | Ma għadux meqjus bħala PCI |
| 1.12. | Il-ħażna ta' enerġija f'arja kkompressata fir-Renju Unit — Larne |
| 1.13. | L-interkonnessjoni bejn l-Iżlanda u r-Renju Unit [attwalment magħrufa bħala 'Ice Link'] |
| 1.14. | L-interkonnessjoni bejn Revsing (DK) u Bicker Fen (UK) [attwalment magħrufa bħala 'Viking Link'] |

(2) **Il-Kuritur tal-Prijorità tal-Interkonnessjonijiet tal-Elettriku bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar fil-Punent tal-Ewropa ('NSI West Electricity')**

| Nru | Definizzjoni |
|---|---|
| 2.1. | Il-linja interna tal-Awstrija bejn Westtirol u Zell-Ziller (AT) biex tiżdied il-kapaċità fil-fruntiera bejn l-Awstrija u l-Ġermanja |

Iż-żieda tal-kapaċità ta' trażmissjoni bejn il-Belġju u l-Ġermanja — il-bini tal-ewwel interkonnessjoni bejn iż-żewġ pajjiżi:

| | |
|---|---|
| 2.2. | Ir-raggruppament tal-Belġju u tal-Ġermanja bejn Lixhe u Oberzier [attwalment magħruf bħala l-proġett ALEGrO], inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>2.2.1. L-interkonnessjoni bejn Lixhe (BE) u Oberzier (DE)<br>2.2.2. Il-linja interna bejn Lixhe u Herderen (BE)<br>2.2.3. Is-substazzjon ġdid f'Zutendaal (BE) |

| | |
|---|---|
| 2.3. | Ir-raggruppament tal-Belġju u tal-Lussemburgu, iż-żieda fil-kapaċità bejn il-fruntiera tal-Belġju u tal-Lussemburgu, inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>2.3.1. Ma għadux meqjus bħala PCI<br>2.3.2. L-interkonnessjoni bejn Aubange (BE) u Bascharage/Schifflange (LU) |
| 2.4. | Ma għadux meqjus bħala PCI |
| 2.5. | Ir-raggruppament ta' Franza u tal-Italja bejn Grande Ile u Piossasco, inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>2.5.1. L-interkonnessjoni bejn Grande Ile (FR) u Piossasco (IT) [attwalment magħrufa bħala l-proġett 'Savoie-Piemont']<br>2.5.2. Ma għadux meqjus bħala PCI |
| 2.6. | Ma għadux meqjus bħala PCI |
| 2.7. | L-interkonnessjoni bejn Franza u Spanja bejn Aquitaine (FR) u l-Pajjiż Bask (ES) [attwalment magħrufa bħala l-proġett tal-'Golf tal-Biskalja'] |
| 2.8. | L-istallazzjoni u l-operazzjoni kkoordinati ta' trasformatur tal-ispostament tal-fażi f'Arkale (ES) biex tiżdied il-kapaċità tal-interkonnessjoni bejn Argia (FR) u Arkale (ES) |

Il-kuritur tar-raggruppament Tramuntana-Nofsinhar-Punent fil-Ġermanja biex tiżdied il-kapaċità tat-trażmissjoni u tiġi integrata l-enerġija rinnovabbli:

| | |
|---|---|
| 2.9. | Il-linja interna tal-Ġermanja bejn Osterath u Philippsburg (DE) biex tiżdied il-kapaċità tul il-fruntieri tal-Punent |
| 2.10. | Il-linja interna tal-Ġermanja bejn Brunsbüttel-Großgartach u Wilster-Grafenrheinfeld (DE) biex tiżdied il-kapaċità tul il-fruntieri tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar |
| 2.11. | Ir-raggruppament tal-Ġermanja, tal-Awstrija u tal-Iżvizzera, żieda fil-kapaċità fiż-żona tal-Lag Constance, inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>2.11.1. Ma għadux meqjus bħala PCI<br>2.11.2. Il-linja interna fir-reġjun tal-punt ta' Rommelsbach sa Herbertingen (DE)<br>2.11.3. Il-linja interna, mill-punt ta' Wullenstetten sal-punt ta' Niederwangen (DE) u l-linja interna ta' Neuravensburg saż-żona tal-fruntiera DE-AT |
| 2.12. | L-interkonnessjoni bejn il-Ġermanja u n-Netherlands bejn Niederrhein (DE) u Doetinchem (NL) |

Ir-raggruppament ta' proġetti biex tiżdied l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq:

| | |
|---|---|
| 2.13. | Ir-raggruppament ta' interknonnessjonijiet bejn l-Irlanda u r-Renju Unit, inklużi wieħed jew aktar mill-PCIs li ġejjin:<br>2.13.1. L-interkonnessjoni bejn l-Irlanda u r-Renju Unit bejn Woodland (IE) u Turleenan (UK)<br>2.13.2. L-interkonnessjoni bejn l-Irlanda u r-Renju Unit bejn Srananagh (IE) u Turleenan (UK) |

Iż-żieda tal-kapaċità ta' trażmissjoni bejn l-Iżvizzera u l-Italja:

| | |
|---|---|
| 2.14. | L-interkonnessjoni bejn l-Italja u l-Iżvizzera bejn Thusis/Sils (CH) u Verderio Inferiore (IT) |
| 2.15. | Żieda fil-kapaċità tar-raggruppament tal-Italja u tal-Iżvizzera tul il-fruntiera IT/CH, inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>2.15.1. L-interkonnessjoni bejn Airolo (CH) u Baggio (IT)<br>2.15.2. Ma għadux meqjus bħala PCI<br>2.15.3. Ma għadux meqjus bħala PCI<br>2.15.4. Ma għadux meqjus bħala PCI |

Raggruppament ta' proġetti interni biex tiżdied l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-Portugall u biex titjieb il-kapaċità ta' trażmissjoni bejn il-Portugall u Spanja:

| | |
|---|---|
| 2.16. | Żieda fil-kapaċità tar-raggruppament tal-Portugall tul il-fruntiera PT/ES u l-konnessjoni tal-ġenerazzjoni ta' sorsi ġodda tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>2.16.1. Il-linja interna bejn Pedralva u Sobrado (PT), li qabel kienu ddeżinjati bħala Pedralva u Alfena (PT)<br>2.16.2. Ma għadux meqjus bħala PCI<br>2.16.3. Il-linja interna bejn Vieira do Minho, Ribeira de Pena u Feira (PT), li qabel kienu ddeżinjati bħala Frades B, Ribeira de Pena u Feira (PT) |

Iż-żieda tal-kapaċità ta' trażmissjoni bejn il-Portugall u Spanja:

| | |
|---|---|
| 2.17. | L-interkonnessjoni bejn il-Portugall u Spanja bejn Beariz — Fontefría (ES), Fontefria (ES) — Ponte de Lima (PT) (li qabel kienet Vila Fria/Viana do Castelo) u Ponte de Lima — Vila Nova de Famalicão (PT) (li qabel kienet Vila do Conde) (PT), inklużi substazzjonijiet fi Beariz (ES), Fontefría (ES) u Ponte de Lima (PT) |

Il-proġetti ta' ħażniet fl-Awstrija u fil-Ġermanja:

| | |
|---|---|
| 2.18. | Żieda fil-kapaċità ta' ħażna ppumpjata bl-ilma fl-Awstrija— Kaunertal, Tirol (AT) |
| 2.19. | Ma għadux meqjus bħala PCI |
| 2.20. | Żieda fil-kapaċità ta' ħażna ppumpjata bl-ilma fl-Awstrija — Limberg III, Salzburg (AT) |
| 2.21. | Il-ħażna ppumpjata bl-ilma, Riedl fiż-żona tal-fruntiera AT/DE |
| 2.22. | Il-ħażna ppumpjata bl-ilma, Pfaffenboden f'Molln (AT) |

Ir-raggruppament ta' proġetti fit-Tramuntana u fil-Punent tal-Belġju biex tiżdied il-kapaċità ta' trażmissjoni:

| | |
|---|---|
| 2.23. | Ir-raggruppament ta' linji interni fil-fruntiera tat-Tramuntana tal-Belġju bejn Zandvliet — Lillo (BE), Lillo-Mercator (BE), inkluż substazzjon f'Lillo (BE) [attwalment magħruf bħala 'Brabo'] |
| 2.24. | Il-linja interna bejn Horta-Mercator (BE) |

Ir-raggruppamenti tal-linji interni fi Spanja biex tiżdied il-kapaċità ta' trażmissjoni mal-Mediterran:

| | |
|---|---|
| 2.25. | Ir-raggruppament ta' linji interni fi Spanja biex tiżdied il-kapaċità bejn it-Tramuntana ta' Spanja u ż-żona tal-Mediterran, inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>2.25.1. Il-linji interni ta' Mudejar — Morella (ES) u Mezquite-Morella (ES), inkluż substazzjon f'Mudejar (ES)<br>2.25.2. Il-linja interna f'Morella-La Plana (ES) |
| 2.26. | l-linja interna ta' Spanja f'La Plana/Morella — Godelleta biex tiżdied il-kapaċità tal-assi tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Mediterran |
| 2.27. | Iż-żieda fil-kapaċità bejn Spanja u Franza (proġett ġeneriku) |

(3) **Il-Kuritur ta' Prijorità tal-Interkonnessjonijiet tal-Elettriku bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar fil-Lvant Ċentrali u fin-Nofsinhar tal-Ewropa ('NSI East Electricity')**

It-tisħiħ tal-interkonnessjoni bejn l-Awstrija u l-Ġermanja:

| Nru | Definizzjoni |
|---|---|
| 3.1. | Ir-raggruppament tal-Awstrija u tal-Ġermanja bejn St. Peter u Isar, inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>3.1.1. L-interkonnessjoni bejn St. Peter (AT) u Isar (DE)<br>3.1.2. Il-linja interna bejn St. Peter u Tauern (AT)<br>3.1.3. Ma għadux meqjus bħala PCI |

It-tisħiħ tal-interkonnessjoni bejn l-Awstrija u l-Italja:

| | |
|---|---|
| 3.2. | Ir-raggruppament tal-Awstrija u tal-Italja bejn Lienz u r-reġjun tal-Veneto, inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>3.2.1. L-internkonnessjoni bejn Lienz (AT) u r-reġjun tal-Veneto (IT)<br>3.2.2. Il-linja interna bejn Lienz u Obersielach (AT)<br>3.2.3. Ma għadux meqjus bħala PCI |
| 3.3. | Ma għadux meqjus bħala PCI |
| 3.4. | L-interkonnessjoni bejn l-Awstrija u l-Italja bejn Wurmlach (AT) u Somplago (IT) |
| 3.5. | Ma għadux meqjus bħala PCI |
| 3.6. | Ma għadux meqjus bħala PCI |

It-tisħiħ tal-interkonnessjoni bejn il-Bulgarija u l-Greċja:

| | |
|---|---|
| 3.7. | Ir-raggruppament tal-Bulgarija u tal-Greċja bejn Maritsa East 1 u N. Santa, inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>3.7.1. L-interkonnessjoni bejn Maritsa East 1 (BG) u N. Santa (EL)<br>3.7.2. Il-linja interna bejn Maritsa East 1 u Plovdiv (BG)<br>3.7.3. Il-linja interna bejn Maritsa East 1 u Maritsa East 3 (BG)<br>3.7.4. Il-linja interna bejn Maritsa East 1 u Burgas (BG) |

It-tisħiħ tal-interkonnessjoni bejn il-Bulgarija u r-Rumanija:

| | |
|---|---|
| 3.8. | Iż-żieda tal-kapaċità tar-raggruppament tal-Bulgarija u tar-Rumanija [attwalment magħrufa bħala l-'Kuritur tal-Baħar l-Iswed'], inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>3.8.1. Il-linja interna bejn Dobrudja u Burgas (BG)<br>3.8.2. Ma għadux meqjus bħala PCI<br>3.8.3. Ma għadux meqjus bħala PCI<br>3.8.4. Il-linja interna bejn Cernavoda u Stalpu (RO)<br>3.8.5. Il-linja interna bejn Gutinas u Smardan (RO)<br>3.8.6. Ma għadux meqjus bħala PCI |

It-tisħiħ tal-interkonnessjoni bejn is-Slovenja, il-Kroazja u l-Ungerija, u t-tisħiħ tal-grilja interna fis-Slovenja:

| | |
|---|---|
| 3.9. | Ir-raggruppament tal-Kroazja, tal-Ungerija u tas-Slovenja bejn Žerjavenec/Heviz u Cirkovce, inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>3.9.1. L-interkonnessjonijiet bejn Žerjavenec (HR)/Heviz (HU) u Cirkovce (SI)<br>3.9.2. Il-linja interna bejn Divača u Beričevo (SI)<br>3.9.3. Il-linja interna bejn Beričevo u Podlog (SI)<br>3.9.4. Il-linja interna bejn Podlog u Cirkovce (SI) |
| 3.10. | Ir-raggruppament ta' Iżrael, ta' Ċipru u tal-Greċja bejn Hadera u r-reġjun ta' Attica [attwalment magħruf bħala l-'Interkonnettur EUROASIA'], inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>3.10.1. L-interkonnessjoni bejn Hadera (IL) u Kofinou (CY)<br>3.10.2. L-interkonnessjoni bejn Kofinou (CY) u Korakia, Kreta (EL)<br>3.10.3. Il-linja interna bejn Korakia, Kreta u r-reġjun ta' Attica (EL) |

It-tisħiħ tal-grilja interna fir-Repubblika Ċeka:

| | |
|---|---|
| 3.11. | Ir-raggruppament tar-Repubblika Ċeka tal-linji interni biex tiżdied il-kapaċità fil-fruntieri tal-Majjistral u tan-Nofsinhar inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>3.11.1. Il-linja interna bejn Vernerov u Vitkoz (CZ)<br>3.11.2. Il-linja interna bejn Vitkov u Prestice (CZ)<br>3.11.3. Il-linja interna bejn Prestice u Kocin (CZ)<br>3.11.4. Il-linja interna bejn Kocin u Mirovka (CZ)<br>3.11.5. Il-linja interna bejn Mirovka u Cebin (CZ) |

Ir-raggruppament tal-kuritur Tramuntana-Nofsinhar-Lvant fil-Ġermanja biex tiżdied il-kapaċità ta' trażmissjoni u tiġi integrata l-enerġija rinnovabbli:

| | |
|---|---|
| 3.12. | Il-linja interna fil-Ġermanja bejn Wolmirstedt u l-Bavarja biex tiżdied il-kapaċità ta' trażmissjoni interna bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar |
| 3.13. | Il-linja interna fil-Ġermanja bejn Halle/Saale u Schweinfurt biex tiżdied il-kapaċità fil-Lvant tal-Kuritur bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar |

Iż-żieda tal-kapaċità ta' trażmissjoni bejn il-Ġermanja u l-Polonja:

| | |
|---|---|
| 3.14. | Ir-raggruppament tal-Ġermanja u tal-Polonja bejn Eisenhűttenstadt u Plewiska [attwalment magħruf bħala l-proġett 'GerPol Power Bridge'] inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>3.14.1. L-interkonnessjoni bejn Eisenhűttenstadt (DE) u Plewiska (PL)<br>3.14.2. Il-linja interna bejn Krajnik u Baczyna (PL)<br>3.14.3. Il-linja interna bejn Mikułowa u Świebodzice (PL) |
| 3.15. | Ir-raggruppament tal-Ġermanja u tal-Polonja bejn Vierraden u Krajni [attwalment magħruf bħala 'GerPol Improvements'] inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>3.15.1. L-interkonnessjoni bejn Vierraden (DE) u Krajnik (PL)<br>3.15.2. L-istallazzjoni ta' trasformaturi tal-ispostament tal-fażi fuq il-linji tal-interkonnessjoni bejn Krajnik (PL) — Vierraden (DE) u l-operazzjoni kkoordinata mal-PST fuq l-interkonnettur Mikułowa (PL) — Hagenwerder (DE) |

Iż-żieda tal-kapaċità ta' trażmissjoni bejn l-Ungerija u s-Slovakkja:

| | |
|---|---|
| 3.16. | Ir-raggruppament tal-Ungerija u tas-Slovakkja bejn Gőnyü u Gabčikovo, inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>3.16.1. L-interkonnessjoni bejn Gabčikovo (SK) u Gönyű (HU) u Veľký Ďur (SK)<br>3.16.2. Ma għadux meqjus bħala PCI<br>3.16.3. Ma għadux meqjus bħala PCI |
| 3.17. | PCI tal-Ungerija u tas-Slovakkja tal-interkonnessjoni bejn Sajóvánka (HU) u Rimavská Sobota (SK) |
| 3.18. | Ir-raggruppament tal-Ungerija u tas-Slovakkja bejn iż-żona ta' Kisvárda u Velké Kapušany inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>3.18.1. L-interkonnessjoni bejn iż-żona ta' Kisvárda (HU) u Velké Kapušany (SK)<br>3.18.2. Ma għadux meqjus bħala PCI |
| 3.19. | Ir-raggruppament tal-Italja u ta' Montenegro bejn Villanova u Lastva, inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>3.19.1. L-interkonnessjoni bejn Villanova (IT) u Lastva (ME)<br>3.19.2. Ma għadux meqjus bħala PCI<br>3.19.3. Ma għadux meqjus bħala PCI |
| 3.20. | Ma għadux meqjus bħala PCI |
| 3.21. | L-interkonnessjoni bejn l-Italja u s-Slovenja bejn Salgareda (IT) u Divača — ir-reġjun ta' Bericevo (SI) |
| 3.22. | Ir-raggruppament tar-Rumanija u tas-Serbja bejn Resita u Pancevo [attwalment magħruf bħala l-'Mid Continental East Corridor'], inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>3.22.1. L-interkonnessjoni bejn Resita (RO) u Pancevo (RS)<br>3.22.2. Il-linja interna bejn Portile de Fier u Resita (RO)<br>3.22.3. Il-linja interna bejn Resita u Timisoara/Sacalaz (RO)<br>3.22.4. Il-linja interna bejn Arad u Timisoara/Sacalaz (RO) |

Il-ħażniet ippumpjati bl-ilma fil-Bulgarija u fil-Greċja:

| | |
|---|---|
| 3.23. | Il-ħażna ppumpjata bl-ilma fil-Bulgarija — Yadenitsa |
| 3.24. | Il-ħażna ppumpjata bl-ilma fil-Greċja — Amfilochia |
| 3.25. | Ma għadux meqjus bħala PCI |
| 3.26. | Ma għadux meqjus bħala PCI |

(4) **Il-Kuritur ta' Prijorità tal-Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq Baltiku tal-Enerġija ('BEMIP Electricity')**

| Nru | Definizzjoni |
|---|---|
| 4.1. | L-interkonnessjoni bejn id-Danimarka u l-Ġermanja bejn Tolstrup (DK) u Bentwisch (DE) permezz tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta ta' Kriegers Flak (DK) u l-Baltiku 1 u 2 (DE) [attwalment magħrufa bħala s-'Soluzzjoni Komuni tal-Grilja Kriegers Flak'] |
| 4.2. | Ir-raggruppament tal-Estonja u tal-Latvja bejn Kilingi-Nõmme u Riga [attwalment magħruf bħala t-tielet interkonnessjoni] inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>4.2.1. L-interkonnessjonijiet bejn Kilingi-Nõmme (EE) u s-substazzjon CHP2 ta' Riga (LV)<br>4.2.2. Il-linja interna bejn Harku u Sindi (EE)<br>4.2.3. Il-linja interna bejn Riga CHP 2 u Riga HPP (LV) |
| 4.3. | Issa parti mill-PCI Nru 4.9. |
| 4.4. | Iż-żieda fil-kapaċità tar-raggruppament tal-Latvja u tal-Iżvezja [attwalment magħruf bħala l-proġett 'NordBalt'], inklużi l-PCIs li ġejjin:<br>4.4.1. Il-linja interna bejn Ventspils, Tume u Imanta (LV)<br>4.4.2. Il-linja interna bejn Ekhyddan u Nyboro/Hemsjö (SE) |

